# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Disgħa u Ħamsin (59)**

**30 ta' Settembru 2022**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.15 ta' filgħaxija b'mod virtwali.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Aaron Agius – Vici Sindku
Anthony Attard – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

59.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard informa lill-Kunsill li l-Vici Sindku Aaron Agius u l-Kunsillier Anthony Attard infurmawh li ma jistghux jattenud ghal-laqgha tal-lum minhabba ragunijiet personali.

59.1.2 Il-Kunsilliera prezenti unanimament accettaw din l-apologija.

**59.2 Aġġudikazzjoni tat-tender tax-xogħol ta' tisbieħ fil-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru**

59.2.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li hu sejjah din il-laqgha b'urgenza sabiex jiġi diskuss l-aġġudikazzjoni tat-*tender* għax-xogħol ta' tisbieħ u rinnovazzjoni fil-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Dan ix-xogħol ser ikun iffinanzjat fil-maġġor parti tiegħu mill-Iskema maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

59.2.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li, sad-data u l-ħin tal-għeluq tas-sottomissjoni ta' offerti għal dan ix-xogħol (jiġifieri fil-11.00am ta' nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru 2022), kien hemm offerta waħda li ġiet sottomessa u li kienet *overbudget* b'€ 2,000.

59.2.3 Is-Sindku innota li l-bord ta' evalwazzjoni li twaqqaf fil-laqgħa tat-Tlieta 23 ta' Awwissu 2022 sabiex jaġġudika l-offerti sottomessi qed jirrakkomanda li din l-offerta tingħata lill-kumpanija *Gokker Limited* li tefgħet l-unika offerta għal dan ix-xogħol, bil-kundizzjoni li l-Kunsill japprova li d-differenza ta' madwar € 2,000 tinħareġ mill-allokazzjoni finanzjarja annwali tal-Kunsill.

59.2.4 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u għaldaqstant approva unanimament ir-rapport tal-bord ta' evalwazzjoni.

59.2.5 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.25pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Dr. Christian Zammit**<br>**Sindku** | **Ivan Attard**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |